KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.8.2007
KUMM(2007) 470 finali

2007/0169 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, ta' l-ewwel u tat-tieni emenda għall-Konvenzjoni ta' Espoo ta' l-UN/ECE dwar il-Valutazzjoni ta' l-Impatt Ambjentali fil-Kuntest Transkonfinali

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-konvenzjoni ta' Espoo ta' l-UN/ECE dwar il-valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali fil-kuntest transkonfinali (minn hawn 'il quddiem, "il-Konvenzjoni") ġiet iffirmata mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha fis-26 ta' Frar 1991. Il-Konvenzjoni ġiet approvata mill-Komunità fis-27 ta' Ġunju 1997[1].

2. It-tieni laqgħa tal-Partijiet li saret fl-2001 adottat id-Deċiżjoni II/14 dwar emenda għall-Konvenzjoni ta' Espoo. L-emenda testendi d-definizzjoni ta' "pubbliku" fl-Artikolu 1(x) tal-Konvenzjoni, biex tiċċara li l-pubbliku li jista' jipparteċipa fi proċeduri tal-Konvenzjoni jinkludi s-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tiftaħ il-Konvenzjoni għall-adeżjoni ta' pajjiżi li mhumiex membri ta' l-ECE, liema adeżjoni tkun suġġetta għall-approvazzjoni mill-Laqgħa tal-Partijiet. It-twessigħ tat-tifsira tat-terminu "pubbliku" u l-ftuħ tal-Konvenzjoni għall-adeżjoni ta' pajjiżi li mhumiex membri tar-reġjun UN/ECE huma żewġ elementi essenzjali biex jiżguraw l-għarfien pubbliku dwar kwistjonijiet ambjentali u biex jippromwovu implimentazzjoni u infurzar usa' tal-leġiżlazzjoni ambjentali. Għalhekk, l-ewwel emenda għall-Konvenzjoni tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-politiki għall-ħarsien ta' l-ambjent u tagħmilhom aktar effettivi.

3. Id-definizzjoni ta' "pubbliku" hija inkorporata fil-liġi Komunitarja fid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (id-Direttiva EIA)[2], kif emendata bid-Direttivi 97/11/KE[3] u 2003/35/KE [4]u hija konformi mat-test emendat tal-Konvenzjoni.

4. It-tielet Laqgħa tal-Partijiet li saret fl-2004 adottat, permezz tad-Deċiżjoni III/7, it-tieni emenda għall-Konvenzjoni ta' Espoo. Din l-emenda tippermetti lill-Partijiet milquta li jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet li jiddefinixxu l-ambitu tal-valutazzjonijet, tirrevedi l-lista ta' attivitajiet inklużi fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni u tindirizza kwistjonijiet istituzzjonali tal-Konvenzjoni, bħall-kontroll tal-konformità, is-saħħa tal-Laqgħat tal-Partijiet u d-dħul fis-seħħ ta' l-emendi. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità (id-Direttiva EIA) huma konsistenti ma' din l-emenda għall-Konvenzjoni ta' Espoo, u għalhekk mhuma se jwasslu għal ebda reviżjoni ta' din il-leġiżlazzjoni.

5. Fl-okkażżjoni tal-Konferenza Ministerjali "Ambjent għall-Ewropa" li għandha ssir f'Ottobru 2007, huwa importanti li jintwera li l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri huma impenjati li jħarsu politika ambjentali internazzjonali u jaġġixxu flimkien biex jippromwovu l-għanijiet ta' konvenzjonijiet favur l-ambjent li ddaħlu fis-seħħ mill-forum UNECE. Il-koordinazzjoni Komunitarja li rnexxiet matul il-proċess ta' negozjati għandha tkun żgurata bl-istess mod fir-rigward tal-konklużjoni ta' l-emendi tal-Konvenzjoni ta' Espoo, bil-għan li jkun permess id-depożitu, sa fejn hu possibbli simultanju, ta' l-istrumenti ta' ratifika, approvazzjoni u aċċettazzjoni mill-Komunità u l-Istati Membri.

6. Issa l-Komunità għandha tapprova dawn l-emendi għall-Konvenzjoni ta' Espoo.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1997 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità, u f'isem il-Konvenzjoni, dwar il-valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali fil-kuntest transkonfinali (il-Konvenzjoni ta' Espoo) (proposta ĠU C 104, 24.4.1992, p. 5; id-deċiżjoni ma ġietx ippubblikata).

[2] ĠU [L175], [5.7.1985], p. [40].

[3] ĠU [L73], [14.3.1997], p. [5].

[4] ĠU [L156], [25.6.2003], p. [17].

2007/0169 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, ta' l-ewwel u tat-tieni emenda għall-Konvenzjoni ta' Espoo ta' l-UN/ECE dwar il-Valutazzjoni ta' l-Impatt Ambjentali fil-Kuntest Transkonfinali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[5],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [6],

Billi:

(1) Il-konvenzjoni ta' Espoo ta' l-UN/ECE dwar il-valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali fil-kuntest transkonfinali (minn hawn 'il quddiem, "il-Konvenzjoni ta' Espoo") għandha l-għan li tistabbilixxi l-obbligi tal-Partijiet fil-valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali ta' ċerti attivitajiet minn stadju bikri ta' l-ippjanar u timponi, fuq l-Istati, obbligu ġenerali ta' notifikazzjoni u konsultazzjoni dwar il-proġetti importanti kollha li x'aktarx li jħallu impatt transkonfinali negattiv sinifikanti.

(2) Il-Konvenzjoni ta' Espoo ġiet approvata mill-Komunità fis-27 ta' Ġunju 1997.

(3) Il-Laqgħa tal-Partijiet li saret fl-2001 adottat emenda għall-Konvenzjoni ta' Espoo li kienet tbiddel id-definizzjoni ta' "pubbliku" biex tinkludi organizzazzjonijiet li mhumiex governattivi u assoċjazzjonijiet oħra, kif ukoll tiftaħ il-Konvenzjoni għall-adeżjoni ta' pajjiżi li mhumiex membri tar-Reġjun UN/ECE. Il-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent[7], tinkorpora dispożizzjonijiet li huma konsistenti ma' din l-emenda għall-Konvenzjoni ta' Espoo.

(4) It-tieni emenda għall-Konvenzjoni ta' Espoo, li ġiet adotta mill-Laqgħa tal-Partijiet li saret fl-2004, tippermetti lill-Partijiet milquta li jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet li jiddefinixxu l-ambitu tal-valutazzjonijet, tirrevedi l-lista ta' attivitajiet inklużi fl-

---

5 ĠU C […], […], p. […].

6 ĠU C […], […], p. […].

7 ĠU L 175, 5.7.1985, p.40 id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 156, tal-25.6.2003, p. 17).

Appendiċi I ta' dik il-Konvenzjoni u tindirizza kwistjonijiet istituzzjonali tal-Konvenzjoni. Din l-emenda ma tbiddilx in-natura ta' l-obbligi tal-Partijiet, u l-lista ta' attivitajiet imsemmija diġà hija koperta mil-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti, jiġifieri mid-Direttiva 85/337/KEE.

(5) L-emendi għall-Konvenzjoni ta' Espoo huma suġġetti għar-ratifika, approvazzjoni u aċċettazzjoni mill-Partijiet. Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex ikun permess id-depożitu, sa fejn hu possibbli simultanju, ta' l-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni u approvazzjoni.

(6) Il-Komunità għandha tapprova ż-żewġ emendi għall-Konvenzjoni ta' Espoo li ġew imsemmija hawn fuq,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-ewwel u t-tieni emenda għall-Konvenzjoni ta' Espoo ta' l-UN/ECE dwar il-valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali fil-kuntest transkonfinali huma b'dan approvati f'isem il-Komunità.

It-test ta' dawn l-emendi huwa mehmuż ma' din id-Deċizjoni.

Artikolu 2

B'dan, il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat biex jaħtar il-persuna jew persuni bis-setgħa li jiddepożitaw l-istrument ta' approvazzjoni ta' l-emendi mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, li jaġixxi fil-kapaċità tiegħu ta' Depożitarju, skond l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni ta' Espoo.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President
[…]

EMENDI GĦALL-KONVENZJONI TA' ESPOO DWAR IL-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT AMBJENTALI F'KUNTEST TRANSKONFINALI

L-EWWEL EMENDA

Fl-aħħar ta' l-**Artikolu 1(x)**, wara "persuni" jiddaħħal:

"u, b'konformità mal-leġiżlazzjoni u prassi nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom"

Fl-**Artikolu 17**, wara l-paragrafu 2, jiddaħħal paragrafu ġdid li jgħid:

"3. Kwalunkwe Stat ieħor, mhux imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, li huwa membru tan-Nazzjonijiet Uniti jista' jaderixxi mal-Konvenzjoni, hekk kif huwa jikseb l-approvazzjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet. Il-Laqgħa tal-Partijiet ma għandhiex tikkunsidra jew tapprova kwalunkwe talba għall-adeżjoni mit-tali Stat qabel ma dan il-paragrafu jkun iddaħħal fis-seħħ għall-Istati u l-organizzazzjonijiet kollha li kienu Partijiet għall-Konvenzjoni fis-27 ta' Frar 2001".

u l-bqija tal-paragrafi għandhom jiġu nnumerati kif meħtieġ.

Fl-aħħar ta' l-**Artikolu 17**, jiddaħħal paragrafu ġdid li jgħid:

"7. Kwalunkwe Stat jew organizzazzjoni li jirratifika, jaċċetta jew japprova din il-Konvenzjoni ser jitqies li fl-istess waqt ikun irratifika, aċċetta jew approva l-emenda għall-Konvenzjoni stabbilita bid-Deċiżjoni II/14 li ttieħdet fit-tieni laqgħa tal-Partijiet"

IT-TIENI EMENDA

Fl-**Artikolu 2**, wara l-paragrafu 10, jiddaħħal paragrafu ġdid li jgħid:

"11. Jekk il-Parti ta' l-oriġini jkollha l-ħsieb li twettaq xi proċedura biex tiddetermina l-kontenut tad-dokumentazzjoni dwar il-valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali, il-Parti milquta għandha tingħata, sa fejn ikun xieraq, l-opportunità li tipparteċipa fit-tali proċedura".

Fl-**Artikolu 8**, wara "Konvenzjoni" jiddaħħal:

"u skond kwalunkwe protokol li huma Parti minnu"

Fl-**Artikolu 11**, flok il-paragrafu 2(c) jiddaħħal subparagrafu ġdid li jgħid:

"(c) Tfittex li tikseb, jekk ikun xieraq, is-servizzi u l-kooperazzjoni ta' l-entitajiet kompetenti li l-għarfien espert tagħhom huwa rilevanti biex jintlaħqu l-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni";

Fl-aħħar ta' l-**Artikolu 11**, jiddaħħlu żewġ subparagrafi ġodda li jgħidu:

"(g) Tħejji, jekk ikun xieraq, protokolli għal din il-Konvenzjoni;

(h) Tistabbilixxi dawk il-korpi sussidjarji li jitqiesu meħtieġa sabiex tiġi implimentata din il-Konvenzjoni.

Fl-**Artikolu 14, il-paragrafu 4**, flok it-tieni sentenza tiddaħħal sentenza ġdida li tgħid:

"Dawn għandhom jiddaħħlu fis-seħħ għall-Partijiet li jkunu rratifikawhom, approvawhom jew aċċettawhom fid-dsatax-il jum wara li d-Depożitarju jkun rċieva n-notifika tar-ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni tagħhom minn talanqas tlett kwarti mill-għadd ta' Partijiet fiż-żmien ta' l-adozzjoni tagħhom".

Wara l-**Artikolu 14**, jiddaħħal Artikolu ġdid li jgħid:

"Artikolu 14 bis

Kontroll tal-konformità

1. Il-Partijiet għandhom jikkontrollaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni abbażi tal-proċedura ta' konformità adottata mill-Laqgħa tal-Partijiet, bħala proċedura li mhix kontradittorja u li hi orjentata biex tgħin. Il-kontroll għandu jkun abbażi ta', iżda mhux limitat għal, rappurtar regolari mill-Partijiet. Il-Laqgħa tal-Partijiet għandha tiddeċiedi dwar kemm għandha tkun il-frekwenza tar-rappurtar regolari meħtieġ mill-Partijiet u dwar l-informazzjoni li għandha tkun inkluża f'dawn ir-rapporti regolari.

2. Il-proċedura ta' konformità tista' tiġi applikata għal kwalunkwe protokoll adottat skond din il-Konvenzjoni".

L-Appendiċi ta' din id-Deċiżjoni għandu jieħu post l-**Appendiċi I** tal-Konvenzjoni.

Fl-**Artikolu VI**, wara l-paragrafu 2, jiddaħħal paragrafu ġdid li jgħid:

"3. Il-paragrafi 1 u 2 jistgħu jiġu applikati, *mutatis mutandis*, għal kwalunkwe protokoll tal-Konvenzjoni".

Appendiċi

LISTA TA' ATTIVITAJIET

1. Raffineriji ta' żejt mhux maħdum (esklużi intrapriżi li jimmanifatturaw biss lubrikanti minn żejt mhux maħdum) u installazzjonijiet li kapaċi jirrendu 500 tunnellata metrika jew iktar ta' faħam jew *shale* tal-bitum f'gass u likwidu kuljum.

2. (a) Impjanti ta' l-enerġija termika u installazzjonijiet oħra ta' kombustjoni bi produzzjoni termika ta' 300 megawatt jew iktar, u

(b) Impjanti ta' l-enerġija nukleari u reatturi nukleari oħra, inklużi ż-żarmar jew l-għeluq ta' tali impjanti ta' l-enerġija jew ta' reatturi 1(għajr l-installazzjonijiet tar-riċerka għall-produzzjoni u l-konverżjoni ta' materjali fissjonabbli u fertili, li l-qawwa massima tagħhom mhix t'aktar minn kilowatt (wieħed) ta' *continuous thermal load*).

3. (a) Installazzjonijiet għall-ipproċessar mill-ġdid ta' fjuwil nukleari irradjat;

(b) Installazzjonijiet intiżi:

- - Għall-produzzjoni jew l-arrikkament tal-fjuwil nukleari;
- - Għall-ipproċessar tal-fjuwil nukleari irradjat jew ta' skart radjoattiv ta' intensità għolja;

- - Għar-rimi finali ta' fjuwil nukleari irradjat;
- - Għar-rimi finali ta' skart radjoattiv biss; jew
- Għall-ħażna (maħsuba għal iktar minn 10 snin) ta' fjuwils nukleari irradjati jew ta' skart radjuattiv biss f'lokazzjoni differenti mil-lokazzjoni tal-produzzjoni.

4. Impjanti kbar għall-ewwel proċeduri ta' tisħin u tidwib (*smelting*) fil-produzzjoni tal-ħadid fondut u l-azzar u għall-produzzjoni ta' metalli li ma fihomx ħadid.

5. Impjanti għall-estrazzjoni ta' l-asbestos u għall-ipproċessar u t-trasformazzjoni ta' l-asbestos u prodotti li jkun fihom l-asbestos: għal prodotti ta' l-asbestos u siment, li jkollhom produzzjoni annwali ta' aktar minn 20,000 tunnellata metrika; għal materjali li jintużaw għall-karatteristiċi tagħhom ta' frizzjoni, li jkollhom produzzjoni annwali ta' aktar minn 50 tunnellata metrika; u għal użu ieħor ta' l-asbestos li jaqbeż 200 tunnellata metrika fis-sena.

6. Impjanti kimiċi integrati.

7. (a) Kostruzzjoni ta' awtostradi u toroq oħra għat-traffiku veloċi [2] u ta' linji ferrovjarji fuq distanzi twal u ta' ajruporti [3] li tul bażiku tar-*runway* tagħhom ikun 2,100 m jew iktar.

(ċ) Il-bini ta' triq ġdida ta' erba' linji ta' traffiku jew iktar, jew l-allinjament mill-ġdid u/jew it-twessigħ ta' triq eżistenti ta' żewġ linji tat-traffiku jew inqas biex din it-triq issir waħda ta' erba' linji ta' traffiku jew aktar, fejn din it-triq ġdida jew is-sezzjoni allinjata mill-ġdid u/jew imwessgħa tat-triq tkun 10 km (jew itwal) li ma jaqtgħu xejn.

8. *Pipelines* ta' dijametri kbar għat-trasport ta' żejt, gass jew prodotti kimiċi.

9. Portijiet kummerċjali u wkoll ilmijiet interni navigabbli u portijiet għat-traffiku f'ilmijiet interni navigabbli li minnhom jistgħu jgħaddu bastimenti ta' iktar minn 1,350 tunnellata metrika.

10. (a) Impjanti għall-eliminazzjoni ta' skart tossiku u perikoluż permezz ta' l-inċinerazzjoni jew trattament kimiku, jew irdim f'*landfills*;

(b) Impjanti għall-eliminazzjoni ta' l-iskart mhux perikoluż permezz ta' l-inċinerazzjoni jew trattament kimiku li jkollhom kapaċità ta' iktar minn 100 tunnellata metrika kuljum.

11. Digi u ġibjuni kbar.

12. L-estrazzjoni jew is-suppliment artifiċjali ta' l-ilma ta' taħt l-art fejn il-volum ta' ilma estratt jew li jiġi supplimentat kull sena huwa ekwivalenti għal jew jaqbeż il-10 miljun metru kubu.

13. Impjanti tal-manifattura ta' l-għaġna tal-karti, karti u kartun li jkollhom produzzjoni ta' 200 tunnellata metrika kuljum (jew aktar) ta' prodott imnixxef bl-arja.

14. Barrieri kbar, minjieri u impjanti ta' estrazzjoni u pproċessar fuq il-post ta' minerali metalliċi jew faħam.

15. Installazzjonijiet fuq l-ibħra għall-produzzjoni ta' idrokarboni. L-estrazzjoni taż-żejt mhux raffinat ("*petroleum*") u tal-gass naturali għal għanijiet kummerċjali fejn l-ammont estratt

jaqbeż il-500 tunnellata metrika kuljum fil-każ taż-żejt mhux raffinat u l-500 000 metru kubu kuljum fil-każ tal-gass.

16. Faċilitajiet kbar għall-ħażna taż-żejt mhux raffinat u ta' prodotti kimiċi u petrokimiċi.

17. Deforestazzjoni ta' erjas kbar.

18. (a) Xogħlijiet għat-trasferiment ta' riżorsi ta' l-ilma bejn baċiri tax-xmajjar, liema trasferiment isir bil-ħsieb li jipprevjeni l-iskarsezzi possibbli ta' l-ilma u meta l-ammont ta' ilma ttrasferit jaqbeż il-100 miljun metru kubu fis-sena; u

(b) Fil-każi l-oħra kollha, xogħlijiet għat-trasferiment ta' riżorsi ta' l-ilma ta' bejn baċiri tax-xmajjar meta l-fluss medju fuq ħafna snin tal-baċir minn fejn l-ilma jiġi estratt jaqbeż l-2000 miljun metru kubu fis-sena u meta l-ammont ta' l-ilma ttrasferit jaqbeż il-5 % ta' dan il-fluss.

Fiż-żewġ każi huma esklużi t-trasferimenti ta' l-ilma tax-xorb bil-pajpijiet.

19. Impjanti ta' trattament ta' drenaġġ li jkollhom kapaċità ta' iktar minn dik meħtieġa għal 150 000 abitant.

20. Impjanti għat-trobbija intensiva tat-tjur jew tal-ħnieżer b'iktar minn:

- 85 000 post għal brojlers;
- 60 000 post għal tiġieġ;
- 3000 post għal ħnieżer tas-simna (ta' iktar minn 30 kg); jew
- 900 post għal ħnieżer nisa.

21. L-installazzjoni ta' kejbils ta' l-elettriku fil-għoli b'vultaġġ ta' 220 kV jew iktar u b'tul ta' iktar minn 15-il km.

22. Impjanti kbar li jużaw il-qawwa tar-riħ għall-produzzjoni ta' l-enerġija (impjanti ta' mtieħen tar-riħ).

---

1. Għall-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni, l-impjanti ta' l-enerġija nukleari u r-reatturi nukleari l-oħra ma jibqgħux meqjusin bħala impjanti nukleari meta mis-sit ta' l-impjant ikunu tneħħew b'mod permanenti l-fjuwils nukleari kollha u l-elementi l-oħra kkontaminati bir-radjuattività.

2. Għall-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni:

- "Awtostrada" tfisser triq iddisinjata u mibnija speċifikament għat-traffiku ta' vetturi bil-mutur, li ma twassalx għall-proprjetajiet li qegħdin fuq il-ġnub tagħha, u li:

(a) jkollha, għajr f'punti speċifiċi jew b'mod temporanju, karreġġati separati għaż-żewġ direzzjonijiet tat-traffiku, separati minn xulxin jew bi strippa diviżorja mhux intenzjonata għat-traffiku jew, b'mod eċċezzjonali, permezz ta' mezzi oħra;

(b) ma taqsamx f'livell ma' ebda triq, linja tal-ferrovija jew linja tat-tramm, jew bankina; u

(c) hija mmarkata speċifikament bħala awtostrada.

- "Triq għat-traffiku veloċi" tfisser triq li tkun riservata għal traffiku ta' vetturi bil-mutur aċċessibbli biss minn interkambji jew intersezzjonijiet ikkontrollati u li fiha, b'mod partikolari, ma huwiex permess li wieħed jieqaf u jipparka fil-karreġġjata(i) tagħha.

3. Għall-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni, "ajruport" tfisser ajruport li jikkonforma mad-definizzjoni kif tidher fl-Anness 14 tal-Konvenzjoni ta' Chicago ta' l-1944 li tistabbilixxi l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili.